*Stqarrija għall-istampa mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (l-NCPE)*

## Il-Business Breakfast tal-NCPE

## It-Tnedija tal-Equal Pay Tool tal-NCPE

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (l-NCPE) organizzat Business Breakfast f'Tas-Sliema sabiex tniedi l-Equal Pay Tool tal-NCPE. Din it-tool tiffaċilita l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għall-istess xogħol u xogħol ta' valur ugwali bejn in-nisa u l-irġiel f'organizzazzjonijiet li jimpjegaw mill-inqas 50 impjegat u li huma ċċertifikati bil-Marka tal-Ugwaljanza. Din it-Tool se tgħin lill-organizzazzjonijiet jidentifikaw u jindirizzaw inugwaljanzi potenzjali li mhumiex ġustifikabbli fil-pagi.

L-impenn għall-paga ugwali huwa partikolarment rilevanti fil-kuntest tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fil-Pagi addottata aktar kmieni din is-sena, li ssejjaħ għal miżuri biex titjieb it-trasparenza fil-pagi, jiġġieldu d-diskriminazzjoni fil-pagi, jiżguraw paga ugwali għan-nisa u l-irġiel li jwettqu l-istess xogħol jew xogħol ta' valur ugwali, u jikkontribwixxu wkoll biex tiġi indirizzata d-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri.

Waqt li kien qiegħed jindirizza din il-Konferenza ta' tnedija, il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza l-Onor. Dr Byron Camilleri saħaq li d-drittijiet ugwali u l-istess paga għal xogħol ta' valur ugwali huwa wieħed mill-prinċipji tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll fil-liġi tal-impjiegi u l-ugwaljanza. Għalhekk, is-salvagwardja tal-pagi ugwali hija obbligu legali, u, aktar importanti minn hekk, tikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-implikazzjonijiet soċjetali tal-inugwaljanzi fil-pagi, li mhux biss ixekklu l-indipendenza ekonomika ugwali bejn in-nisa u l-irġiel meta jkunu qed jaħdmu, iżda jwasslu wkoll għal pensjonijiet aktar baxxi u riskju akbar ta' faqar għal nisa anzjani. Il-Ministru ħeġġeġ lill-organizzazzjonijiet biex jagħmlu użu mill-Equal Pay Tool tal-NCPE għal analiżi preċiża tal-istruttura tal-pagi fil-kumpaniji tagħhom minn perspettiva ta' ugwaljanza, u li tipprovdilhom għarfien biex jiżviluppaw miżuri u jieħdu azzjoni konkreta biex jindirizzaw l-inugwaljanzi fil-pagi meta jkun meħtieġ.

Is-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. is-Sa Rebecca Buttigieg tenniet li paga ugwali għal xogħol ugwali u għal xogħol ta' valur ugwali hija prerekwiżit kruċjali għall-

ugwaljanza bejn il-ġeneri. Hija rreferiet għall-impenn tal-Gvern li jissalvagwardja l-ugwaljanza bejn il-ġeneri permezz tal-'Gender Equality and Mainstreaming Strategy and Action Plan' imniedi s-sena l-oħra. "Tabilħaqq, wieħed mill-għanijiet ta' dan il-pjan ta' azzjoni huwa li jiżgura paga ugwali għal xogħol ta' valur ugwali flimkien ma' aċċess ugwali għall-impjiegi u l-ġlieda kontra s-segregazzjoni fis-suq tax-xogħol. Miżuri effettivi huma meħtieġa biex jiżguraw li l-valur mogħti lix-xogħol imwettaq min-nisa u l-irġiel ikun ugwali u ħieles minn preġudizzji jew sterjotipi bbażati fuq il-ġeneru. L-Equal Pay Tool tal-NCPE tista' għalhekk tintuża biex tindirizza l-inugwaljanzi fil-pagi fi ħdan il-kumpaniji" qalet Buttigieg.

Il-Kummissarju tal-NCPE s-Sa Renee Laiviera spjegat li d-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri hija riżultat ta' diversi inugwaljanzi fis-suq tax-xogħol, fosthom is-segregazzjoni tal-ġeneri fl-impjiegi u fl-edukazzjoni, in-nuqqas ta' nisa f'pożizzjonijiet maniġerjali, in-nuqqas ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja, u każijiet ta' diskriminazzjoni fil-pagi. Is-Sa Laiviera qalet li l-Kapitolu 456 tal-Liġijiet ta' Malta jipprojbixxi d-diskriminazzjoni fl-impjieg, inkluż f'termini u kundizzjonijiet bħal paga. Is-Sa Laiviera enfasizzat ukoll id-diversi inizjattivi li għamlet l-NCPE biex titqajjem kuxjenza u ssaħħaħ il-prinċipju tal-pagi ugwali, u tat ħarsa ġenerali lejn id-Direttiva dwar it-Trasparenza tal-Pagi.

Is-Sur Matthew Sacco, l-iżviluppatur tal-Equal Pay Tool, spjega x-xogħol li sar biex jiżviluppaw l-aspetti prattiċi ta' din it-Tool, biex jiżguraw li r-riżultati ta' din it-Tool ikun aktar faċli biex jinftiehmu, u li t-tim tal-NCPE huwa lest u kunfidenti biex jassisti organizzazzjonijiet diversi.

Is-Sur André Callus, Uffiċjal Eżekuttiv tal-NCPE (Politika u Taħriġ), spjega għaliex l-Equal Pay Tool hija kruċjali għall-isforzi tal-NCPE fil-promozzjoni tal-paga ugwali. Huwa ta preżentazzjoni dwar l-użu ta' din it-tool u l-assistenza offruta mill-NCPE fl-użu tagħha.

Il-Konferenza intemmet b'workshops fejn il-parteċipanti ddiskutew kif l-Equal Pay Tool tista' tgħin lill-kumpaniji jikkonformaw mad-Direttiva dwar it-Trasparenza tal-Pagi u jindirizzaw l-isfidi li l-kumpaniji jistgħu jiffaċċjaw meta jużawha.

L-NCPE hija impenjata li tkompli tipprovdi appoġġ lill-kumpaniji kif meħtieġ, u tawgura li l-kumpaniji jużaw l-Equal Pay Tool tal-NCPE biex jiżguraw li l-istrutturi tal-pagi tagħhom verament iħarsu l-prinċipju ta' paga ugwali għall-benefiċċju ta' min iħaddem u l-impjegati.

**9 ta' Novembru 2023**